VALLETTA CULTURAL AGENCY

**MT: Il-Valletta Design Cluster fi ħdan l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta jirbaħ il-Premju għall-Aqwa Programm jew Staġun Artistiku**

Waqt ċerimonja virtwali tal-Premju għall-Arti li ttellgħet ilbieraħ permezz tal-midja soċjali, tħabbar li l-Valletta Design Cluster, fi ħdan l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, huwa r-rebbieħ tal-Premju għall-Aqwa Programm jew Staġun Artistiku.

Dan il-premju jirrikonoxxi lill-aqwa programm artistiku ppreżentat matul is-sena f'termini ta' kwalità tax-xogħol propost, l-impatt tiegħu fuq is-settur artistiku, fuq livell nazzjonali, u l-kritika li qala' b'mod ġenerali. Il-Premju għall-Arti huwa mtella' minn Arts Council Malta.

F'din l-okkażjoni, iċ-Ċermen tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta Jason Micallef qal li jilqa' b'sodisfazzjon dan il-premju u ħabbar li issa l-VCA ukoll se tkun qed tagħti premju lill-pubbliku Malti permezz tal-ftuħ tal-Valletta Design Cluster aktar tard din is-sena. Dan huwa proġett infrastrutturali kbir ġewwa l-Belt Valletta li beda matul Valletta 2018, u għalhekk huwa proġett uniku u parti mil-legat ħaj tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura.

**EN: Valletta Cultural Agency's Valletta Design Cluster wins Award for Best Artistic Programme or Season**

During a virtual 'Il-Premju għall-Arti' ceremony held yesterday via social media, it was announced that the Valletta Design Cluster, within the Valletta Cultural Agency, is the winner of the Award for Best Artistic Programme or Season.

This award is given for the best artistic programme presented during the year in terms of quality of the proposed work, its impact on the artistic sector and on a national level, as well as the general feedback received. Il-Premju għall-Arti is organised by Arts Council Malta.

On this occasion, Valletta Cultural Agency Chairman Jason Micallef said that he wholeheartedly accepts this award and announced that the VCA will be returning the gift to the general public later on this year, at the opening of the Valletta Design Cluster. This large and unique infrastructural project, which saw its beginning during Valletta 2018, is part of the ongoing legacy of the European Capital of Culture.

**Valletta Cultural Agency**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

**www.vca.gov.mt**